

RIŻOLUZZJONI (UE) 2023/1946 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-10 ta' Mejju 2023****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenziji tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021: prestazzjoni, ġestjoni finanzjarja u kontroll**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjonijiet tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-aġenziji tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar is-segwitu għall-kwittanza għas-sena finanzjarja 2021 (COM (2022) 331),
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2021, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 68 u 70 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0144/2023),
- A. billi din ir-riżoluzzjoni tinkludi, għal kull korp skont it-tifsira tal-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, l-osservazzjonijiet trażversali li jakkumpanjaw id-deċiżjonijiet ta' kwittanza f'konformità mal-Artikolu 262 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 u l-Artikolu 3 tal-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew;
- B. billi din ir-riżoluzzjoni tinkludi wkoll, għall-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom, l-osservazzjonijiet trażversali li jakkumpanjaw id-deċiżjoni ta' kwittanza f'konformità mal-Artikolu 262 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 u l-Artikolu 3 tal-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew;
- C. billi l-aġenziji tal-Unjoni għandhom jagħmlu enfasi fuq missjonijiet b'valur miżjud Ewropew ċar u l-organizzazzjoni ta' tali missjonijiet għandha tiġi ottimizzata biex jiġu evitati duplikazzjonijiet fl-aħjar interessi tal-kontribwenti tal-Unjoni;
1. Ifaħħar lill-aġenziji għar-reżiljenza u l-isforzi tagħhom li għamlu biex iżommu l-istandards ta' ħidma għoljin tagħhom u eżiti ta' kwalità għolja tagħhom, minkejja l-limitazzjonijiet imposti matul it-tieni sena tal-pandemija tal-COVID-19;
 2. Jinnota li għat-33 aġenzija deċentralizzata tal-Unjoni, it-total kumulattiv għall-baġit tal-2021 ammonta għal madwar EUR 3 206 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn, li jirrappreżenta żieda ta' madwar 5 % meta mqabbel mal-2020, u ammonta għal EUR 3 090 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament, żieda ta' 6,88 % meta mqabbel mal-2020; jinnota, barra minn hekk, li mit-EUR 3 090 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament, madwar EUR 2 477 miljun ġew iffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jirrappreżentaw 77,27 % tal-finanzjament totali tal-aġenziji fl-2021 (meta mqabbla mat-72,83 % fl-2020); jirrikonoxxi, barra minn hekk, li madwar EUR 728 miljun kienu ffinanzjati minn tariffi u imposti u minn kontribuzzjonijiet diretti minn pajjiżi parteċipanti (tnaqis ta' 12,15 % meta mqabbla mal-2020);

⁽¹⁾ ĠU C 412, 27.10.2022, p. 12.⁽²⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

3. Jinnota bi tħassib li l-baġits finali ta' xi aġenziji ġew iffriżati f'termini nominali għal 6 snin u, minħabba l-inflazzjoni akkumulata, il-kapaċità tal-akkwist reali tal-baġit tonqos; jinnota li l-kontinwazzjoni ta' din ix-xejra tpoġġi friskju l-kapaċitajiet tal-aġenziji li jwettqu l-funzjonijiet tagħhom b'mod effettiv u f'waqtu;
4. Jilqa' l-konklużjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (il-"Qorti") fir-rapport annwali tagħha dwar l-aġenziji tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2021 (ir-"rapport tal-Qorti") li b'mod ġenerali, l-awditu tal-Qorti tal-kontijiet annwali tal-aġenziji għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2021 u tad-dħul li fuqu huma bbażati kkonferma mill-ġdid ir-riżultati pożittivi rrapportati fis-snin preċedenti; jinnota, madankollu, li skont il-Qorti, hemm bżonn ta' xi titjib fil-qasam tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet;

Riskji ewlenin identifikati mill-Qorti

5. Jinnota li, skont ir-rapport tagħha, il-Qorti tqis li r-riskju ġenerali għall-affidabbiltà tal-kontijiet tal-aġenziji, kif stabbilit bl-applikazzjoni tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni u abbażi ta' standards internazzjonali tal-kontabbiltà, huwa ġeneralment baxx, kif kien il-każ fl-2020;
6. Jissottolinja li, skont ir-rapport tagħha, il-Qorti tqis li r-riskju ġenerali għal-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet tal-aġenziji huwa baxx għall-maġġoranza tal-aġenziji, u huwa medju għall-aġenziji parzjalment ifffinanzjati minnhom infushom fejn huma applikabbli regolamenti speċifiċi għall-ġbir ta' tariffi u kontribuzzjonijiet oħra tad-dħul, kif kien il-każ fl-2020;
7. Jirrimarka li l-Qorti tqis li r-riskju għal-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-aġenziji b'mod ġenerali huwa medju, filwaqt li jvarja minn baxx għal għoli għal titoli speċifiċi tal-baġit; jinnota li l-Qorti tqis li r-riskju għat-Titolu I (Nefqa għall-Persunal) huwa ġeneralment baxx, għat-Titolu II (Nefqa Amministrattiva) huwa medju, u għat-Titolu III (Nefqa Operattiva) huwa baxx għal għoli, skont l-aġenzija inkwistjoni u n-natura tan-nefqa operattiva tagħha; jirrimarka li l-Qorti tqis ir-riskju fir-rigward tat-Titolu III simili għar-riskju tat-Titolu II, iżda peress li hemm ammonti ferm ogħla involuti taħt it-Titolu III, l-impatt jitqies li huwa ogħla;
8. Jinnota li l-Qorti tqis li r-riskju għal ġestjoni finanzjarja tajba huwa medju, primarjament assoċjat ma' proċeduri ta' akkwist pubbliku li ma żgurawx li jinkiseb l-aħjar valur possibbli għall-flus;
9. Jinnota li l-Qorti tqis li r-riskju għall-ġestjoni tal-baġit huwa baxx, filwaqt li l-awditu tal-Qorti juri riporti għoljin ta' approprjazzjonijiet impenjati, li, madankollu, skont il-Qorti, kienu ġġustifikati min-natura pluriennali tal-operazzjonijiet jew minħabba raġunijiet lil hinn mill-kontroll tal-aġenziji;
10. Jinnota li l-Qorti semmiet "riskju ieħor" relatat mal-pandemija tal-COVID-19 li affettwa l-ħidma tal-Qorti peress li r-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar waqfuha milli twettaq verifiki fuq il-post, milli tikseb dokumenti oriġinali u milli tintervista lill-persunal tal-entitajiet awditjati wiċċ imb wiċċ; jinnota b'apprezzament li l-Qorti xorta waħda wettqet il-ħidma tagħha permezz ta' rieżamijiet dokumentarji u intervisti mill-bogħod tal-entitajiet awditjati; Jieħu nota tal-valutazzjoni tal-Qorti li, minkejja żieda fir-riskju tad-detezzjoni minħabba li ma saret l-ebda verifika fuq il-post, l-evidenza li kisbet mill-entitajiet awditjati tagħha xorta ppermettiet lill-Qorti tlesti l-ħidma tagħha u tifformula konklużjonijiet abbażi tagħha;
11. Jilqa' l-fatt li l-Qorti ddikjarat li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet l-aġenziji hađu azzjonijiet korrettivi biex jindirizzaw l-osservazzjonijiet tal-awditjar tas-snin preċedenti u jitlob lill-aġenziji kkonċernati kollha jkomplu bl-isforzi tagħhom biex isegwu l-osservazzjonijiet tal-Qorti li għadhom għaddejjin (39) jew pendenti (9), b'mod partikolari fl-oqsma tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll, tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku u tal-ġestjoni baġitarja;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

12. Jissottolinja b'sodisfazzjon li, skont ir-rapport annwali tal-Qorti, inħarġet opinjoni tal-awditjar mhux kwalifikata dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet tal-aġenziji kollha; jinnota, barra minn hekk, li l-Qorti ħarġet opinjoni mhux kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet għall-aġenziji kollha; josserva li l-Qorti ħarġet opinjoni mhux kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għall-aġenziji kollha, ħlief għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA); jinnota li l-opinjoni kwalifikata għall-eu-LISA kienet dovuta għall-irregolarità ta' sitt pagamenti li saru fl-2021 għal total ta' EUR 18,11 miljun b'rabta ma' diversi kuntratti qafas, fejn dawn il-pagamenti jirrappreżentaw 6,20 % tal-approprijazzjonijiet ta' pagament totali disponibbli fl-2021;
13. Jinnota li, fir-rigward tal-affidabbiltà tal-kontijiet, il-Qorti ħarġet paragrafu ta' "osservazzjonijiet" għall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA), l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) u l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE); jinnota li l-paragrafu ta' "osservazzjonijiet" għall-EMA kien relatat mal-kwistjoni li għaddeja rigward il-kuntratt ta' kiri għall-bini preċedenti tagħha f'Londra li se jidm sal-2039, mingħajr l-ebda dispożizzjoni għal terminazzjoni bikrija u obbligazzjonijiet potenzjali stmati għal EUR 383 miljun fil-31 ta' Diċembru 2021; jinnota li l-paragrafu ta' "osservazzjonijiet" għall-Frontex kien relatat mal-kalkolu żbaljat tal-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi taż-żona Schengen mhux tal-UE b'EUR 2,6 miljun inqas milli suppost kellhom jitħallsu lill-baġit tal-Frontex fl-2021; jinnota li l-paragrafu ta' "osservazzjonijiet" għall-EIGE kien relatat ma' passiv possibbli (EUR 22 000) fil-kontijiet tiegħu li tista' tiġi sostnutafkawża tal-qorti li għaddeja dwar ħaddiema temporanji tal-aġenziji;
14. Jinnota li, fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-aġenziji, il-Qorti ħarġet paragrafu ta' "osservazzjonijiet" għall-Frontex, fejn impenn baġitarju bid-data tal-21 ta' Diċembru 2020 ġie riportat għall-2021 mingħajr l-appoġġ ta' impenn legali qabel tmiem l-2020; jinnota mir-rapport tal-Qorti li l-Frontex indirizzat dan in-nuqqas ta' konformità permezz ta' impenji legali sussegwenti matul l-2021;
15. Jinnota l-osservazzjoni tal-Qorti relatata mal-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi assoċjati fejn metodi differenti fil-ftehimiet għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet jinvolvu riskju ta' implimentazzjoni żbaljata ta' dawk il-ftehimiet ta' kontribuzzjoni; jinnota l-istedina tal-Qorti lill-aġenziji kkonċernati biex jikkonsultaw lill-Kummissjoni sabiex jivvalutaw jekk għandhomx bżonn jallinjaw mal-ftehimiet ta' kontribuzzjoni tal-Kummissjoni u l-metodi ta' kalkolu għall-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi assoċjati;
16. Jinnota l-osservazzjoni tal-Qorti rigward il-livelli eċċessivi ta' riporti u r-rati għoljin ta' pagamenti tard għal għaxar aġenziji, b'dgħufijiet (problemi strutturali, ippjanar baġitarju dgħajef jew ksur possibbli tal-prinċipji baġitarji tal-annwalità) b'mod partikolari għal tliet aġenziji, jiġifieri l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER), l-eu-LISA, u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA); jisħaq bil-qawwa fuq ir-rispett tal-prinċipju baġitarju tal-annwalità; itenni r-rakkomandazzjoni tal-Qorti li l-aġenziji kkonċernati għandhom ikomplu jtejbu l-ippjanar baġitarju tagħhom u ċ-ċikli ta' implimentazzjoni tagħhom biex jiġi evitat dewmien eċċessiv fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' ħidma jew tal-pjanijiet ta' akkwist;
17. Jinnota madankollu li f'ċerti każijiet il-livell ta' riporti għoljin huwa wkoll riżultat ta' fatturi li mhumiex fil-kontroll tal-Aġenziji, bħan-natura tal-attivitajiet tagħhom li jespandu fuq perjodi pluriennali, jew il-ħtieġa li jirrikorru għal kuntratturi esterni matul perjodi li jestendu lil hinn mis-sena finanzjarja, minħabba nuqqas ta' persunal;
18. Ifakkar fl-importanza li jiġi stabbilit u jinżamm dialogu attiv bejn il-Kummissjoni u l-aġenziji dwar l-allokazzjoni ta' riżorsi xierqa u t-tfassil tal-pjanijiet ta' stabbiliment rispettivi, f'konformità mal-oġġettivi u l-ambizzjonijiet ta' politika tal-Unjoni li kienu qed jiddiedu f'dawn l-aħħar snin u li wasslu għal kompiti u mandati ġodda u estiżi għal diversi aġenziji;

Prestazzjoni

19. Jinnota li l-aġenziji kollha jużaw diversi sistemi ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs), eżiti ippjanati jew miri strateġiċi stabbiliti bħala parti mill-kejl tal-prestazzjoni tagħhom; ifaħħar lill-aġenziji għar-rati ta' implimentazzjoni tal-Programm ta' Ħidma Annwali (AWP) tagħhom li qabżu l-95 % fl-2021; jistieden lill-aġenziji kollha jirrapportaw lill-awtorità ta' kwittanza dwar ir-rata ta' implimentazzjoni tal-AWP tagħhom bħala ċifra konsolidata espressa f'perċentwal; japprezza l-fatt li l-KPI ġew issodisfati mill-Aġenziji u l-fatt li l-Aġenziji ġibdu l-attenzjoni għal miżuri li jistgħu jtejbu l-effiċjenza u l-effikaċja tal-ħidma tagħhom; madankollu, jirakkomanda li l-Aġenziji jieħu nota tal-indikaturi li għadhom ma ntlaħqux jew li waqgħu lura;
20. Jinnota l-kisbiet u s-suċċessi tal-aġenziji kollha fl-2021, it-tieni sena tal-pandemija tal-COVID-19 bi sfidi partikolari għall-aġenziji li joperaw fil-ġustizzja u l-affarijiet interni, it-trasport, u oqsma mediċi relatati;
21. Jisħaq fuq ir-rwol importanti li għandhom l-aġenziji tal-Unjoni biex jgħinu lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni jfasslu u jimplimentaw il-politiki, speċjalment bit-tweqqif ta' kompiti tekniċi, xjentifiċi, operazzjonali u maniġerjali speċifiċi; japprezza x-xogħol u l-għarfien espert ta' kwalità għolja mwettaq miċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop), il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound), l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA), il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF) u l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA), l-aġenziji li jaħdmu fil-qasam tal-impjiegi, l-affarijiet soċjali u l-inklużjoni; itenni, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li l-aġenziji jiġu mgħammra f'livell proporzjonat għall-kompiti assenjati, b'numru suffiċjenti ta' persunal, impjegat b'mod stabbli u li jkollu biżżejjed riżorsi materjali; itenni għalhekk il-ħtieġa li jiġu żgurati riżorsi umani u finanzjarji adegwati li jippermettulhom ikomplu jimplimentaw il-programmi ta' ħidma tagħhom b'rata ta' tlestija għolja ħafna; jisħaq fuq l-importanza u l-valur miżjud tal-aġenziji kollha fil-qasam ta' kompetenza tagħhom, kif ukoll l-awtonomija tagħhom; itenni li l-funzjonament xieraq tal-aġenziji jirrikjedi wkoll djalogu soċjali ta' kwalità għolja;
22. Ifakkar li l-iskambju ta' fehmiet ta' kull sena fil-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali dwar il-programmi ta' ħidma annwali u l-istrateġiji pluriennali tal-aġenziji huwa strumentali biex jiġi żgurat li l-programmi u l-istrateġiji jkunu allinjati mal-prijoritajiet politiċi attwali, speċjalment fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-prinċipji minquxa fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-kisbiet tal-miri ta' Porto;
23. Itenni r-rwol importanti tal-aġenziji tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (ĠAI) tal-UE, peress li huma indispensabbli għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni u l-appoġġ importanti li jiżguraw għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni u l-Istati Membri fis-setturi tad-drittijiet fundamentali, is-sigurtà u l-ġustizzja, billi jwettqu kompiti operazzjonali, analitiċi, maniġerjali u superviżorji; itenni għalhekk il-bżonn li jiġu żgurati riżorsi finanzjarji u umani adegwati għall-aġenziji tal-ĠAI; jinnota li l-aġenziji kollha għandhom iwettqu l-mandati tagħhom b'mod effettiv;
24. Ifakkar li l-aġenziji huma l-aktar entitajiet kwalifikati fil-valutazzjoni tal-użu tar-riżorsi u għandhom rwol kruċjali fl-appoġġ għall-proġetti sostenibbli adatti f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura finanzjament li jappoġġja l-aġenziji tal-Unjoni fl-iżgurar tad-djalogu soċjali; jinnota li l-aġenziji tal-Unjoni għandhom rwol kruċjali fl-iżgurar tad-djalogu soċjali mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni;
25. Jistieden lill-aġenziji jkomplu jiżviluppaw sinerġiji (foqsma bħar-riżorsi umani, l-akkwist, id-diġitalizzazzjoni, il-ġestjoni tal-bini, is-servizzi tal-IT u ċ-ċibersigurtà), kif ukoll il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' Prattiki tajbin ma' aġenziji oħra tal-Unjoni bil-għan li tittejjeb l-effiċjenza, b'mod partikolari fil-kuntest ta' tensjonijiet inflazzjonarji; jistieden lill-aġenziji jkomplu jirrapportaw lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija tagħhom għal titjib fl-effiċjenza u jaġġornaw dik l-istrateġija meta jkun meħtieġ;
26. Jistieden lill-Kummissjoni iżżid l-użu ta' evalwazzjonijiet trażversali tal-aġenziji fil-kuntest tal-kontrolli tal-idoneità mwettqa mill-Kummissjoni tal-oqsma ta' politika differenti. josserva li l-Kummissjoni għandha tuża r-riżultati tal-evalwazzjonijiet biex jiġu identifikati sinerġiji u bidliet possibbli, inklużi fużjonijiet, u, fejn ikun xieraq, biex jitħejjew proposti leġiżlattivi b'rispons għall-ħtiġijiet li qed jinbidlu;

27. Jinnota b'sodisfazzjon il-kooperazzjoni tajba kontinwa bejn l-aġenziji fi ħdan il-mandat tad-DĠ Impjegi, inklużi skambji regolari fl-istadju tal-ippjanar tal-programmi ta' ħidma tagħhom u li jżommu lil xulxin infurmati dwar l-iżviluppi u s-sejbiet;
28. Jieħu nota bi tħassib mir-rapport tal-Qorti tad-divulgazzjonijiet ta' żewġ aġenziji (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA) u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSAPA)) li rrapportaw dwar l-impatt li l-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna kellha fuq l-attivitajiet tagħhom; jieħu nota f'dan il-kuntest taż-żieda fid-domanda għall-assistenza mill-Istati Membri li jirċievu rifugiati mill-Ukrajna u l-interruzzjoni fl-użu tal-lanċaturi Russi Soyuz għas-satelliti Galileo; jinnota f'dan ir-rigward l-iffirmar tal-Ftehim Qafas ta' Sħubija Finanzjarja bejn l-EUSPA u l-Aġenzija Spazjali Ewropea u l-kollaborazzjoni intensifikata bejn iż-żewġ aġenziji li tippermetti lill-Unjoni tikkontribwixxi bħala fornitur tas-sigurtà għall-ispezzju u tikseb awtonomija strateġika;

Politika dwar il-persunal

29. Jinnota li, fl-2021, it-33 aġenzija deċentralizzata rrapportaw li jimpjegaw total ta' 9 631 membru tal-persunal, li jinkludu uffiċjali, aġenti temporanji, aġenti kuntrattwali u esperti nazzjonali sekondati, (meta mqabbla ma' 9 001 fl-2020), li jirrappreżentaw żieda ta' 7,00 % meta mqabbla mal-2020; jinnota li parti miż-żieda, jiġifieri 0,93 %, hija dovuta għaż-żieda, għall-ewwel darba, ta' 84 membru tal-persunal tal-aġenzija l-ġdida ELA, li saret finanzjarjament indipendenti fl-2021;
30. Jinnota li f'ħames aġenziji ġew irreġistrati każijiet ta' eżawriment (b'kolloxx 23) u li ċerti impjegati wettqu siegħat supplimentari fi 13-il aġenzija fl-2021; jinnota b'mod partikolari li għadd kbir ta' impjegati wettqu sahra fl-EUAA (78 minn 423 membru tal-persunal), fl-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel — EFSA (117 minn 516-il membru tal-persunal), fiċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga — EMCDDA (78 minn 110 membri tal-persunal), fl- — EMSA (88 minn 273 membru tal-persunal), fl-eu-LISA (229 minn 310 membri tal-persunal) u fl-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi — Europol (583 minn 979);
31. Jinnota li l-aġenziji kollha stabbilew miżuri biex itejbu l-benessri tal-persunal fil-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata; jinnota li l-għadd u l-impatt ta' tali miżuri jvarjaw b'sinifikanti minn aġenzija għall-oħra u li ma jidher li jeżisti l-ebda qafas komuni ta' referenza fost l-aġenziji; jinnota li, ħlief f'xi aġenziji, ġeneralment ma hemm l-ebda miżura stabbilita għall-integrazzjoni ta' persuni b'diżabilità;
32. Jinnota bi tħassib li fl-2021, ir-rata ta' dawran tal-impjegati kienet aktar minn 5 % f'16 minn 33 aġenzija; ifaħħar lill-aġenziji (pereżempju l-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA)) għall-miżuri mmirati li ħadu biex jipprevjenu rati għoljin ta' dawran tal-impjegati; jenfasizza l-importanza li l-aġenziji kollha jimplimentaw tali miżuri;
33. Itnni t-tħassib tiegħu li l-Qorti identifikat nuqqas rikorrenti f'diversi aġenziji fir-rigward tal-użu ta' persunal estern u ħaddiema interim; jitlob li tiġi indirizzata d-dipendenza tal-aġenziji fuq ir-reklutaġġ estern u li tiġi rrispettata l-liġi tax-xogħol applikabbli; jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' klassifikazzjoni xierqa għall-karigi li jiġġestixxu l-proċeduri ta' akkwist; jieħu nota tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) tal-11 ta' Novembru 2021 fil-Kawża C-948/19 ⁽⁴⁾ li qieset li l-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija fl-aġenziji tal-Unjoni jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵⁾; jistieden lill-aġenziji jirrikorru kemm jista' jkun għal persunal permanenti u lill-Kummissjoni biex tiżgura allokkazzjonijiet xierqa tar-riżorsi umani għal dan il-għan;
34. Jistieden lin-Netwerk tal-Aġenzji tal-UE (EUAN) jiżviluppa politika ġenerali biex jagħti prijorità lill-persunal permanenti fuq il-konsulenti esterni, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol ta' kwalità għolja, u biex l-għarfien u l-esperjenza ma jintilfux;

⁽⁴⁾ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Novembru 2021, UAB "Manpower Lit" vs E.S. et, C-948/19, ECLI:EU:C:2021:906.

⁽⁵⁾ Id-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija (ĠU L 327, 5.12.2008, p. 9).

35. Jinnota bi tħassib l-osservazzjonijiet mir-rapport tal-Qorti dwar id-dgħufijiet relatati man-nuqqasijiet fil-proċeduri ta' reklutaġġ li nstabu fi tmien aġenziji fl-2021; ifakkar li n-nuqqasijiet proċedurali fil-proċeduri ta' reklutaġġ jimminaw il-prinċipju tat-trasparenza u tat-trattament ugwali; jitlob lill-aġenziji kkonċernati jtejbu l-proċeduri interni ta' reklutaġġ tagħhom, fir-rigward ta' diversi aspetti, b'mod partikolari l-proċessi ta' evalwazzjoni u l-avviżi dwar pozzizzjonijiet vakanti;
36. Jinnota bilanċ aħjar bejn il-ġeneri fl-2021 meta mqabbel mal-2020 fil-livell tal-maniġment superjuri, b'68 % irġiel u 32 % nisa (74,6 % u 25,4 %, rispettivament fl-2020) u għall-persunal b'mod ġenerali b'50,26 % irġiel u 49,73 % nisa (52,7 % u 47,3 %, rispettivament fl-2020); jinnota wkoll li l-bilanċ bejn il-ġeneri rrapportat għall-bordijiet tat-tmexxija tal-aġenziji kien ta' 62 % irġiel u 38 % nisa, li jirrappreżenta wkoll titjib meta mqabbel mas-sena ta' qabel; jitlob lill-aġenziji jaħdmu fuq li jtejbu aktar il-bilanċ bejn il-ġeneri fil-maniġment superjuri; itenni l-appelli tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex josservaw il-bilanċ bejn il-ġeneri meta jinnominaw u jaħtru membri tal-maniġment jew tal-bordijiet amministrattivi; Ifakkar fl-ambizzjoni tal-aġenziji li jallinjaw mal-Kummissjoni biex jilhqqu bilanċ bejn il-ġeneri ta' 50 % fil-livelli kollha tal-maniġment tagħhom sal-aħħar tal-2024;
37. Jiddispijaċi għall-fatt li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija nieqsa fl-istrateġija pluriennali 2021-2027 għall-EUAN; jistieden lill-EUAN jintegra l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-istrateġiji tiegħu;
38. Itenni t-tħassib tiegħu dwar id-daqs kbir tal-bordijiet tat-tmexxija ta' ċerti aġenziji (pereżempju s-Cedefop, l-EU-OSHA, il-Eurofound), li jaġhmilha diffiċli li jittieħdu deċiżjonijiet u dan jiġġenera kostijiet amministrattivi konsiderevoli; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħmel proposta adatta f'dan ir-rigward;
39. Jinnota li, fl-2021, l-EUAN ħoloq Grupp ta' Ħidma (WGDI) iddedikat għal kwistjonijiet fil-qasam tad-Diversità u l-Inklużjoni (D&I) għall-aġenziji kollha; jinnota li g'iet żviluppata u approvata Karta dwar id-D&I mid-WGDI, b'ħames impenji, inkluż biex jiġu żgurati d-diversità u l-inklużjoni tul il-perkors tal-karriera, mir-reklutaġġ sal-promozzjoni u l-mobilità, u biex tintlaħaq il-mira ta' 40 % tal-ġeneru sottorappreżentat fil-poizzjonijiet ta' maniġment intermedju fl-aġenziji kollha; jistieden lill-aġenziji kollha jadottaw u jimplimentaw dik il-Karta; jilqa' l-azzjonijiet addizzjonali li wettaq id-WGDI, b'hat-tnedija ta' stħarriġ dwar id-D&I fost il-persunal tal-aġenziji, l-istabbiliment ta' kuntatti u ftehimiet ta' kooperazzjoni mal-Kummissjoni u mal-Parlament Ewropew għall-iskambju tal-aħjar Prattiki u ta' ideat innovattivi, u l-iżvilupp ta' pjan ta' azzjoni għall-2022 li jipproponi 29 azzjoni għall-aġenziji biex jipromwovu l-prinċipji tad-diversità u n-nondiskriminazzjoni stabbiliti fir-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni b'mod armonizzat fin-network kollu; jitlob lill-EUAN jibqa' jirrapporta lill-awtorità tal-kwittanza dwar il-progress li sar f'dawn il-materji;
40. Jinnota li l-bilanċ ġeografiku tal-persunal tal-aġenziji deċentralizzati tal-Unjoni jsegwi l-popolazzjoni tal-Istati Membri b'ħala perċentwal tal-EU27 f'tit aktar mill-qrib mill-bilanċ ġeografiku tal-persunal tal-Kummissjoni; jesprimi dispijaċir għas-sottorappreżentanza għal sitt Stati Membri, rappreżentanza żejda għal tmintax-il Stat Membru u bilanċ approssimattiv għal tliet Stati Membri; iqis li, b'ħala objettiv, l-aġenziji għandhom jinvolvu ruħhom fi sforz komuni lejn it-titjib ġenerali tar-rappreżentanza ġeografika; jitlob f'dan is-sens lill-EUAN jikkoordina l-isforzi fost l-aġenziji biex jiġi ppreżentat pjan u biex jiġu stabbiliti l-miżuri orizzontali meħtieġa li jippermettu l-ilħuq ta' dan l-objettiv;
41. Ifakkar fl-importanza li tiġi żviluppata politika tar-riżorsi umani fit-tul dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, il-gwida tul il-ħajja u l-offerta ta' possibbiltajiet ta' taħriġ speċifiku għall-iżvilupp tal-karriera, il-bilanċ bejn il-ġeneri fil-livelli kollha tal-persunal, it-telexogħol, id-dritt għall-iskonnessjoni, it-titjib tal-bilanċ ġeografiku biex ikun hemm rappreżentanza xierqa mill-Istati Membri kollha, u r-reklutaġġ u l-integrazzjoni ta' persuni b'diżabbiltà kif ukoll il-promozzjoni tat-trattament ugwali tagħhom l-opportunitajiet offrunti lilhom;

42. Jinnota li l-aġenziji kollha stabbilew politika u miżuri għall-persunal kollu tagħhom biex jipprevjenu u jiġġieldu l-fastidju, u xi wħud mill-aġenziji għandhom miżuri speċifiċi fis-seħħ (pereżempju korsijiet ta' taħriġ, sensibilizzazzjoni jew taħriġ) għall-maniġment superjuri u intermedju; jinnota wkoll li l-aġenziji rrapportaw li fl-2021 kellhom 24 każ ta' fastidju għaddej jew magħluq; josserva li f'xi aġenziji (pereżempju l-EUAA), għal proċeduri relatati mal-persunal (pereżempju każijiet ta' fastidju), jintalab appoġġ minn ditti tal-liġi esterni speċjalizzati fil-liġi tas-Servizz Ċivili tal-Unjoni (Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni), anke meta l-aġenziji jkollhom l-unità tas-servizzi legali tagħhom stess; jistieden lill-aġenziji, meta applikabbli, jirrapportaw lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-każijiet kollha relatati mal-persunal fejn ingħata l-appoġġ ta' tali ditti bejn is-snin 2017 u 2022;
43. Ifakkar fis-sentenza tal-QĠUE tal-11 ta' Novembru 2021 rigward l-użu ta' ħaddiema interim, li tindirizza diversi kwistjonijiet dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2008/104/KE għall-ħaddiema temporanji tal-aġenziji tal-Unjoni; jistieden lil dawk l-aġenziji li jużaw ħaddiema interim biex jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex inaqqsu l-għadd ta' ħaddiema interim li jissostitwixxu lill-membri tal-persunal;

Akkwist

44. Jinnota bi tħassib li l-Qorti osservat 34 dgħufija fl-akkwist pubbliku fl-2021 (meta mqabbel ma' 18 fl-2020) u li l-għadd ta' aġenziji kkonċernati qed jiżdied u hemm 19-il aġenzija kkonċernata fl-2021 (meta mqabbla ma' 9 aġenziji fl-2020); jinnota wkoll li tali dgħufijiet jibqgħu l-akbar sors ta' pagamenti irregolari, li jirriżultaw minn proċeduri ta' akkwist irregolari rrapportati fl-2021 jew fis-snin preċedenti; itenni r-rakkomandazzjoni tal-Qorti li, meta jimplimentaw kuntratti qafas, l-aġenziji kkonċernati għandhom jużaw biss kuntratti speċifiċi biex jakkwistaw prodotti jew servizzi koperti mill-kuntratt qafas assoċjat; itenni wkoll ir-rakkomandazzjoni tal-Qorti li l-aġenziji kkonċernati għandhom ikomplu jtejbu l-proċeduri ta' akkwist pubbliku tagħhom, filwaqt li jiżguraw konformità sħiħa mar-regoli applikabbli;
45. Jilqa' ż-żieda fl-użu ta' għodod ta' akkwist elettroniku mill-aġenziji tal-Unjoni u r-rwol importanti li kellhom fl-iżgurar tal-kontinwità tal-operat għall-akkwist b'kundizzjonijiet tat-telexogħol; jinnota li l-aktar moduli komuni e-PRIOR li jintużaw mill-aġenziji huma s-Sejħiet għall-offerti elettroniċi, is-Sottomissjonijiet elettroniċi ta' offerti u l-Fatturazzjoni elettronika u li diversi aġenziji implimentaw l-Għodda ta' Ġestjoni tal-Akkwist Pubbliku matul l-2021; ifaħħar lill-aġenziji (iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea (CdT), l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA), l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA)) li rrapportaw li ddigitalizzaw bis-sħiħ il-proċessi ta' akkwist tagħhom;
46. Ifakkar fl-importanza għall-proċeduri ta' akkwist kollha, li jiżguraw kompetizzjoni ġusta bejn l-offerenti u li jakkwistaw l-oġġetti u s-servizzi bl-aħjar prezz, filwaqt li jiġu rrispettati l-prinċipji tat-trasparenza, il-proporzjonalità, it-trattament indaqs u n-nondiskriminazzjoni. jistieden lill-aġenziji kollha jimplimentaw l-għodod tal-IT tal-akkwist elettroniku żviluppatti mill-Kummissjoni u jistieden lil din tal-aħħar tiċċara u taġġorna l-proċeduri u l-mudelli fil-linji gwida dwar l-akkwist;

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess, u trasparenza

47. Jinnota li, bl-eċċezzjoni ta' aġenzija waħda, l-aġenziji kollha għandhom stabbilita politika għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess; jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġu stabbiliti jew aġġornati regolament settijiet sistematiċi ta' regoli dwar it-trasparenza, l-inkompatibbiltajiet, il-kunflitti ta' interessi u sitwazzjonijiet ta' "revolving doors", u l-lobbjar illegali, kif ukoll l-istrateġiji kontra l-frodi; jitlob ukoll lill-aġenziji kollha jiżviluppaw strateġija interna kontra l-korruzzjoni; jistieden lill-aġenziji jibqgħu jirrapportaw lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-progress li sar f'dan il-qasam;
48. Jistieden lill-aġenziji, meta applikabbli, jipparteċipaw fil-ftehim interistituzzjonali stabbilit dan l-aħħar dwar reġistru ta' trasparenza obligatorju għal rappreżentanti ta' interess, iffirmit mill-Kummissjoni, mill-Kunsill u mill-Parlament; jinnota li, minħabba n-natura tan-negozju tagħhom, xi aġenziji (pereżempju l-Uffiċċju tal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL), is-CdT) ma għandhomx laqgħat mal-lobbisti;

49. Jinnota li l-aġenziji kollha jitolbu dikjarazzjonijiet ta' interess għall-membri tal-bord tat-tmexxija u l-maniġment superjuri tagħhom u li jippubblikawhom fuq is-sit web tagħhom;
50. Jinnota li l-biċċa l-kbira tal-aġenziji jippubblikaw fuq is-sit web tagħhom il-curriculum vitae (CV) jew deskrizzjoni qasira tal-isfond tal-membri tal-bord tat-tmexxija tagħhom, tal-persunal maniġerjali, tal-esperti esterni u tal-esperti interni; jinnota li s-CVs mhumiex kompluti jew huma neqsin mis-siti web rispettivi taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC), l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) (esperti interni), il-Frontex, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (ERA) u l-ESMA (kemm esperti interni kif ukoll esterni), is-Cedefop (uħud mill-membri tal-bord tat-tmexxija u mill-membri supplenti tiegħu), l-EU-OSHA (membri tal-bord tat-tmexxija u membri supplenti); ifakkar lill-aġenziji li huwa importanti li jżidu t-trasparenza tal-isfondi tal-membri tagħhom tal-bord tat-tmexxija, tal-persunal tal-maniġment u tal-esperti esterni u interni tagħhom; jistieden lill-EUAN jikkoordina l-isforzi fost l-aġenziji membri tiegħu għall-pubblikazzjoni fuq is-siti web tagħhom tas-CVs tal-membri, tal-persunal u tal-esperti msemmija, filwaqt li s-CVs imsemmija għandhom jinkludu mill-inqas l-esperjenza professjonali u l-edukazzjoni;
51. Itenni bi tħassib l-osservazzjoni tal-Qorti li l-aġenziji huma partikolarment suxxettibbli għar-riskju ta' sitwazzjonijiet ta' "revolving door" minħabba d-dipendenza tagħhom minn persunal temporanju li jirriżulta frati għoljin ta' dawrien tal-impjegati u l-mudell ta' tmexxija tagħhom, li jinkludi bordijiet li l-membri tagħhom għandhom it-tendenza li jservu għal termini relattivament qosra; jirrikonoxxi li għal xi aġenziji, ir-riskju jiżdied aktar b'setgħat regolatorji sinifikanti jew b'rabtiet mal-industrija; jilqa' f'dan il-kuntest l-awditu tal-Qorti dwar suġġett orizzontali relatat ma' kunflitti ta' interess u sitwazzjonijiet potenzjali ta' "revolving door" f'madwar 40 aġenzija; jinnota li għal dan l-awditu l-Qorti eżaminat każijiet bejn l-2019 u l-2021 li fihom il-persunal superjuri attwali jew preċedenti tal-aġenziji beda impjeg wara li telaq minn aġenzija jew wettaq attività esterna bi ħlas waqt li kien qed jaħdem għal aġenzija; jinnota wkoll li l-Qorti eżaminat ukoll każijiet simili li jaffettwaw lill-membri u lill-eks membri tal-bordijiet tal-aġenziji;
52. Josserva bi tħassib li 20 biss mill-40 aġenzija eżaminati mill-Qorti qiesu kwalunkwe każ potenzjali ta' revolving door relatat mal-membri superjuri tal-persunal tagħhom; jinnota l-konklużjoni tal-Qorti li l-aġenziji ġeneralment ikkonformaw mar-rekwiżiti legali applikabbli; jinnota bi tħassib, madankollu, li l-Qorti sabet f'sitt aġenziji (l-ACER, l-EASA, l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA), l-ENISA, il-Europol u l-EUSAPA) diversi każijiet ta' ksur proċedurali dwar l-obbligi legali tagħhom, pereżempju, li jippubblikaw lista tal-każijiet ivvalutati, li jikkonsultaw lill-Kumitat Konġunt jew li joħorġu deċiżjoni formali fi żmien 30 jum ta' xogħol; jistieden lill-aġenziji jsaħħu l-proċeduri u l-kontrolli interni tagħhom dwar sitwazzjonijiet potenzjali ta' "revolving door" sabiex jiżguraw konformità sħiħa mar-regoli applikabbli previsti fir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni u l-Kundizzjonijiet tal-Impjeg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Komunità Ekonomika Ewropea u tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika;
53. Jiddeplora bil-qawwa l-ineffċjenza u l-insuffiċjenza tal-monitoraġġ tal-konformità tal-persunal attwali u preċedenti tal-aġenziji mar-rekwiżiti u r-restrizzjonijiet ta' "revolving door"; jinnota bi tħassib li, f'dan il-kuntest, każijiet mhux iddikjarati ta' "revolving door" u ksur tar-restrizzjonijiet imposti fuq il-persunal li jitlaq fir-rigward tal-impjegati l-ġodda tiegħu jstgħu jibqgħu mhux identifikati, li jista' jwassal għal vantaġġi inġusti għal ċerti entitajiet tas-settur privat f'termini ta' informazzjoni privileġġata jew ta' lobbjar; jirrikonoxxi li dawn id-dgħufijiet u r-riskji huma dovuti għall-obbligi limitati stabbiliti mill-qafas ġuridiku tal-Unjoni f'dan il-qasam; ifaħħar lill-Uffiċċju tal-BEREC, lill-EBA u lill-ESMA talli għandhom stabbiliti proċeduri għall-monitoraġġ tal-konformità mar-regoli applikabbli fil-qasam ta' "revolving door";
54. Jirrikonoxxi l-fatt li r-regoli dwar l-indirizzar ta' sitwazzjonijiet potenzjali ta' "revolving door" u r-riskju assoċjat ta' kunflitti ta' interess ma japplikawx għall-bordijiet tal-membri tal-aġenziji, għall-kumitati xjentifiċi, għall-gruppi ta' esperti u għal korpi simili oħra; jinnota mir-rapport tal-Qorti li matul il-perjodu awditjat (2019-2021), erba' aġenziji biss ivvalutaw kwalunkwe każ relatat mal-membri tal-bordijiet tagħhom, li jibdew impjeg ġdid jew attività esterna; jiddeplora l-fatt li ġew ivvalutati biss 25 każ (jiġifieri 3,8 %) minn 659 każ ta' tluq relatati mal-membri tal-bordijiet tal-aġenziji; ifaħħar lill-EBA, lill-EIOPA, lill-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT), lill-EMA, lill-ESMA, lill-Europol u lill-FRA talli għandhom stabbiliti dispożizzjonijiet speċifiċi li jkopru r-riskju ta' sitwazzjonijiet ta' "revolving door" fir-rigward ta' membri tal-bordijiet tagħhom, minkejja l-vakwu legali eżistenti;

55. Jistieden lill-EUAN jikkoordina l-isforzi għall-introduzzjoni, fl-aġenziji membri kollha tiegħu, ta': (i) kodiċi ta' kondotta u sett ta' regoli għall-membri tal-bordijiet tat-tmexxija tagħhom, li jstabbilixxu prinċipji, proċeduri u mekkaniżmi speċifiċi biex jiġu indirizzati l-kunflitti ta' interess ta' dawn il-membri u sitwazzjonijiet ta' "revolving door"; (ii) proċeduri għall-monitoraġġ tal-konformità tal-persunal attwali u preċedenti (inkluż il-persunal superjuri) mad-deċizzjonijiet applikabbli fil-qasam ta' "revolving door" u restrizzjonijiet relatati; jistieden ukoll lill-EUAN jikkoordina l-isforzi għall-implimentazzjoni, fl-aġenziji membri kollha tiegħu, tar-rakkomandazzjonijiet kollha li ħareġ l-Ombudsman Ewropew fir-Rapport ta' Spezzjoni tat-28 ta' Frar 2019 (il-każ SI/2/2-17/NF) sabiex jinforza l-lobbjar ta' sena u l-projbizzjoni fuq ir-rappreżentanza għall-persunal superjuri tal-Unjoni li jkun telaq mis-servizz ċivili u jipubblika kull sena informazzjoni dwar il-każijiet ivalutati għal dan il-għan; jirrikonoxxi madankollu n-nuqqas ta' setgħa vinkolanti ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet u jistieden lill-Kummissjoni timla din il-lakuna; jistieden lill-EUAN jirrapporta lill-awtorità tal-kwittanza dwar il-progress li sar fuq dawn il-materji;
56. Jinnota li l-maġġoranza tal-aġenziji rrapportaw li ma investigawx jew ma kkonkludewx każijiet ta' kunflitti ta' interess fl-2021; jesprimi dispjaċir kbir għall-fatt li f'diversi aġenziji, ġew irrapportati diversi każijiet ta' kunflitti ta' interess potenzjali (Cedefop: każ wieħed; EFSA: 13-il każ; EIT: każ wieħed; il-Eurofound: każ wieħed; il-Europol: żewġ każijiet) pereżempju, fir-rigward tal-bordijiet tal-għażla, l-esperti esterni, il-proċeduri ta' reklutaġġ, il-proċeduri ta' akkwist u għall-għoti ta' għotjiet jew tal-persunal preċedenti tal-aġenziji; jinnota r-risposti tal-aġenziji kkonċernati fir-rigward tas-segwitu għall-każijiet irrapportati msemmija;
57. Jinnota li l-aġenziji kollha għandhom stabbilita politika għall-persuni li jirrapportaw, u xi wħud minnhom (l-EMA, l-eu-LISA) aġġornawha fl-2021; jistieden lis-CEPOL tistabbilixxi kanali ta' rapportar speċifiċi u sikuri f'konformità mar-rekwiżiti rilevanti tad-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁶⁾ dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta; josserva li fl-2021, ġew irrapportati każijiet ta' żvelar ta' informazzjoni protetta fl-EBA (każ magħluq), fil-Frontex (tliet każijiet: wieħed magħluq u nnotifikat lill-OLAF u żewġ każijiet għadhom għaddejjin) u fl-EUSPA (każ wieħed li għadu għaddej); jinnota wkoll li fl-EMA ma ġie rrapportat l-ebda każ intern ta' żvelar ta' informazzjoni protetta, madankollu, waslu 29 rapport ta' każijiet esterni ta' żvelar ta' informazzjoni protetta, li minnhom 23 każ ġew magħluqa u sitt każijiet għadhom għaddejjin; jistieden lill-aġenziji kkonċernati jirrapportaw lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-progress li sar fil-każijiet li għadhom għaddejjin; jistieden lill-aġenziji kollha joffru taħriġ ta' aġġornament regolari rigward il-politika dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta lill-persunal kollu tagħhom, jinkludu dan is-suġġett fil-programmi ta' induzzjoni għal dawk ġodda u jipubblikaw informazzjoni dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta fuq il-paġni web tal-intranet tal-aġenziji;

Kontroll intern

58. Jinnota bi tħassib is-sejbiet tal-Qorti fil-qasam tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll, fejn ġew osservati fl-2021 dgħufijiet bħall-kunflitti ta' interess potenzjali, kontrolli *ex ante/ex post* neqsin, ġestjoni mhux adegwata tal-impenji baġitarji u legali u nuqqasijiet li jiġu rrapportati kwistjonijiet fir-reġistru tal-eċċezzjonijiet;
59. Jinnota mir-rapport tal-Qorti li fir-rigward tal-awtoritajiet superviżorji Ewropej (ESA), hemm dispożizzjonijiet stabbiliti fir-regolamenti fundaturi tagħhom biex jiġi żgurat li l-Membri tal-Bord tas-Superviżuri tagħhom jaġixxu b'mod indipendenti u oġġettiv fl-interess tal-Unjoni; jinnota wkoll li l-Qorti rrapportat kwistjonijiet ta' governanza li jaffettwaw lill-ESA f'diversi rapporti speċjali fis-snin preċedenti, fejn irrakkomandat li l-Kummissjoni għandha tikkunsidra li tipproponi bidliet fl-istruttura ta' governanza tal-ESA li jippermettullhom jużaw is-setgħat tagħhom b'mod aktar effettiv, għalkemm, fl-2019, il-leġiżlatur ma aċċettax l-istruttura ta' governanza riveduta proposta mill-Kummissjoni; jinnota, barra minn hekk, li f'Lulju 2021, il-Kummissjoni ressqet proposta biex tistabbilixxi awtorità għal tal-Unjoni kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (AMLA) li fir-rigward tagħha għadhom għaddejjin in-negozjati;
60. Jinnota li fi tmiem l-2021, l-aġenziji kollha rrapportaw li kienu implimentaw il-qafas ta' kontroll intern (QKI) rivedut, ibbażat fuq is-COSO u li kienu wettqu l-valutazzjoni annwali tal-QKI; jistieden lill-aġenziji kollha jipprovdu bħala minimu r-riżultati tal-valutazzjoni fil-livell tal-komponenti, filwaqt li jħeġġeġ madankollu lill-aġenziji jirrapportaw b'livell aktar dettaljat bħal skont il-prinċipju tal-kontroll intern;

⁽⁶⁾ Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17).

61. Jinnota li fl-2021, skont ir-rapport tal-Qorti dwar is-segwitu tal-osservazzjonijiet tas-snin preċedenti, 67 osservazzjoni nqas u 48 osservazzjoni kienu għadhom qed jiġu implimentati jew pendenti; jistieden lill-aġenziji jimplementaw b'mod diliġenti l-osservazzjonijiet u jtejbu aktar l-oqfsa ta' kontroll intern tagħhom; jinnota fl-aħħar nett li disa' aġenziji rrapportaw li għaddejjin każijiet tal-OLAF;
62. Ifakkar fl-importanza li jissaħħu s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll biex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tal-aġenziji; jenfasizza bil-qawwa r-rekwiżit ta' sistemi effettivi ta' ġestjoni u kontroll biex jiġu evitati każijiet potenzjali ta' kunflitti ta' interess, kontrolli ex ante/ex post nieqsa, ġestjoni mhux adegwata tal-impenji baġitarji u legali, u nuqqasijiet li jiġu rrapportati kwistjonijiet fir-reġistru tal-eċċezzjonijiet;

Id-diġitalizzazzjoni u t-tranżizzjoni ekoloġika

63. Jilqa' l-fatt li l-aġenziji kollha stabbilew miżuri f'diversi gradi sabiex inaqsu l-impatt ambjentali tagħhom u jagħtu kontribut pożittiv għall-iżvilupp sostenibbli u n-newtralità klimatika; jinnota tali miżuri li jirrigwardaw il-mobilità sostenibbli tal-persunal, l-użu ta' faċilitajiet aktar ekoloġiċi, l-immaniġġjar tal-iskart, it-tnaqqis fil-konsum tal-karti u tal-oġġetti tal-konsum, it-titjib fl-użu tal-enerġija, eċċ.; jirrikonoxxi, madankollu, li f'xi aġenziji (pereżempju s-CEPOL) jeħtieġ li jsir ħafna aktar fir-rigward tal-miżuri relatati mas-sostenibbiltà ambjentali tagħhom; jistieden lill-aġenziji kollha jwettqu tranżizzjoni mill-aktar fis possibbli lejn l-elettriku ekoloġiku, kull meta jkun possibbli minn sorsi kompletament rinnovabbli u biex jinstallaw, meta jkun possibbli, ċelloli tal-pannelli solari fuq il-bjut tal-bini tagħhom;
64. Jinnota li sitt aġenziji huma ċċertifikati bl-EMAS (Skema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali), 19-il aġenzija mhumiex iċċertifikati bl-EMAS, filwaqt li għal seba' aġenziji l-proċess għaċ-ċertifikazzjoni bl-EMAS għadu għaddej; jinnota li l-biċċa l-kbira tal-aġenziji ma implimentawx l-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku (APE) jew qed jintroduċu gradwalment kriterji (ambjentali ekoloġiċi ċari u verifikabbli) fil-proċessi tal-akkwist pubbliku tagħhom; jistieden lill-aġenziji kollha jħaffu l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-APE b'mod sħiħ; jistieden lill-aġenziji jibqgħu jirrapportaw lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-progress li sar f'dan il-qasam;
65. Ihegġegħ lill-aġenziji kollha jadottaw pjanijiet ta' azzjoni pluriennali dwar l-ekoloġizzazzjoni li jinkludu impenji rigward it-tnaqqis tas-CO₂; ihegġegħ ukoll lill-aġenziji kollha jippubblikaw rapporti ambjentali annwali li jivvalutaw, permezz tal-KPIs rilevanti, il-prestazzjoni ambjentali u l-impronta tas-CO₂ tagħhom;
66. Josserva li l-2021 kienet sena ewlenija għall-biċċa l-kbira tal-aġenziji fir-rigward ta' diversi miżuri li ttehdju sabiex jissaħħu ċ-ċibersigurtà tal-aġenziji u l-protezzjoni tar-rekords diġitali fil-pussess tagħhom; jesprimi dispjaċir, madankollu, għall-fatt li daww il-miżuri mhumiex armonizzati fost l-aġenziji; ifaħħar il-proattività ta' xi aġenziji li ppreparaw għall-aġġornament tal-politiki tas-sigurtà tas-sistemi tal-Infurmazzjoni tagħhom fid-dawl taż-żewġ regolamenti tal-Unjoni li ġejjin dwar iċ-ċibersigurtà u s-sigurtà tal-infurmazzjoni fl-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni; jistieden lill-aġenziji kollha jagħmlu l-istess f'dan ir-rigward; ihegġegħ lill-aġenziji jaħdmu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ENISA; josserva l-inizjattiva tal-EU-OSHA li tikkoordina l-implimentazzjoni ta' soluzzjoni komuni biex tipprovdi servizzi taċ-ċibersigurtà lil aġenziji iżgħar; jinnota li xi aġenziji (il-BEREC, is-CEPOL) għadhom ma adottaw l-ebda politika dwar iċ-ċibersigurtà u jhegġgħom jagħmlu dan; jistieden lill-aġenziji joffru programmi ta' taħriġ aġġornati fuq bai regolari relatati maċ-ċibersigurtà għall-persunal kollu tagħhom;
67. Ifakkar fl-importanza li tizzied id-diġitalizzazzjoni tal-aġenziji f'termini ta' operazzjoni u ġestjoni interni iżda anke sabiex titħaffef id-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri; huwa kuntent li fl-2021 il-biċċa l-kbira tal-aġenziji komplew jagħmlu progress fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni u l-ottimizzazzjoni tal-flussi tax-xogħol u l-proċeduri tagħhom, b'mod partikolari fl-oqfsa tar-riżorsi umani, il-proċeduri finanzjarji u tal-akkwist; ihegġegħ lill-aġenziji kollha jadottaw u jimplementaw is-software tal-Firma Kwalifikata Avanzata u tal-Firma Elettronika Kwalifikata biex jiksbu approvazzjonijiet u firem kemm minn kontropartijiet interni kif ukoll esterni fid-dokumenti tal-akkwist u daww kuntrattwali;

Kontinwità tal-operat matul il-kriżi tal-COVID-19

68. Jirrikonoxxi li l-2021 kienet sena ta' sfidi mġedda li jirrikjedu adattament, innovazzjoni, reżiljenza u flessibilità taħt il-ħakma kontinwa tal-pandemija tal-COVID-19 u l-instabbiltajiet politiċi u ekonomiċi ġodda emerġenti;
69. Jinnota li fl-2021 it-telexogħol kien essenzjali għall-kontinwità tal-operat tal-aġenziji, u s-suċċess tiegħu kien dovut ukoll għall-investimenti tal-aġenziji fl-awdjokonferenzi u l-vidjokonferenzi u għodod online oħra; josserva mit-tweġibiet tal-aġenziji li t-telexogħol u x-xogħol ibridu kellhom impatt newtrali jew pożittiv fuq il-prestazzjoni ta' kważi l-aġenziji kollha, u xi aġenziji jikkunsidraw li t-telexogħol għandu rwol sinifikanti fl-attrazzjoni u ż-żamma tat-talent; iħeġġeġ lill-Aġenzija biex, fil-futur, tqiegħed fil-prattika t-tagħlimiet rigward il-metodi ta' ħidma remoti u ibridi, sabiex torganizza aħjar il-laqgħat u l-kompiti li jistgħu jsiru b'mod aktar effiċjenti b'mod remot pjuttost milli wiċċ imbwiċċ; jinnota wkoll li diversi aġenziji wettqu sħarriġ fost il-persunal tagħhom biex jivvalutaw l-impatt tat-telexogħol, u r-riżultati jindikaw esperjenza pożittiva b'mod ġenerali u żieda (perċepita) fl-effiċjenza, iżda minkejja dan ġew osserbat i ċerti sfidi rigward ir-rabtiet ma' persuni minn timijiet oħra u sens ta' appartenenza li jista' jġi kompromess; iħeġġeġ lill-aġenziji kollha jadottaw u jimplimentaw id-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-ħin tax-xogħol u x-xogħol ibridu;

Kummenti oħra

70. Jilqa' l-passi li saru mill-aġenziji biex jiddivulgaw u jipubblikaw ir-riżultati tal-ħidma tagħhom permezz ta' diversi mezzi, inklużi s-siti web u l-media soċjali tagħhom; iħeġġeġ lill-aġenziji jżidu l-isforzi tagħhom u jirrapportaw informazzjoni rilevanti dwar il-prestazzjoni liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-pubbliku ġenerali b'lingwaġġ ċar u aċċessibbli biex jġu żgurati trasparenza u responsabbiltà pubblika akbar billi jintużaw aħjar il-mezzi tal-media u tal-media soċjali; jistieden lill-aġenziji sabiex tirrapporta lill-awtorità tal-kwittanza f'dak ir-rigward;
71. Ifakkar li fl-2020 il-Qorti ttestjat proċeduri awtomatizzati tal-awditjar fil-qasam tal-awditjar tal-kontijiet ta' diversi aġenziji eżekuttivi; jinnota li, fl-2021 il-Qorti estendiet l-użu ta' tali proċeduri għall-aġenziji kollha, madankollu - fil-każ ta' aġenziji deċentralizzati - il-Qorti tapplika għaxar proċeduri relatati mas-salarji biss; josserva mir-rapport tal-Qorti r-riżultati li nkisbu b'suċċess permezz tal-applikazzjoni ta' proċeduri awtomatizzati; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-lakuni fl-użu ta' għodod standardizzati tal-IT (fl-akkwist elettroniku, u l-finanzi, il-kontabbiltà u r-rapportar) jirrappreżentaw ostakli serji għall-Qorti fl-espansjoni tal-użu ta' tekniki ta' awditjar diġitali għal oqsma oħra u għall-aġenziji kollha; jilqa' madankollu l-pjan tal-Qorti li testendi din it-teknoloġija għall-awditjar tal-akkwist pubbliku tal-aġenziji fl-2022;
72. Iqis li jeħtieġ li jsir aktar mill-EUAN biex isir ċentru reali ta' koordinazzjoni tal-aġenziji u jikkontribwixxi għal żieda fil-kooperazzjoni u l-iskambju ta' Prattiki tajbin bejniethom bil-għan, fost l-oħrajn, li jitnaqqsu l-kostijiet tal-funzjonament tagħhom; jistieden lill-aġenziji jaqblu dwar l-allokazzjoni mill-organigrammi tagħhom ta' post tax-xogħol part-time addizzjonali (0,5 FTE) għall-EUAN; jistieden lill-EUAN jipprovd i lill-awtorità ta' kwittanza lista aġġornata b'punti ta' kuntatt fl-aġenziji kollha;
73. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-aġenziji soġġetti għal din il-proċedura ta' kwittanza, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-Qorti tal-Awdituri, u biex tiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).